# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 317/2019**

***KEVIN MALLIA F'ISMU U F'ISEM MALLIA & MALLIA DEVELOPMENTS LTD***

***VS.***

***MARIA BAJADA, EUCHARIST BAJADA, VICTORIA DIMECH DEBONO U PATIENCE DEVELOPMENTS LTD QABEL MAGĦRUFA BĦALA KEFI HOLDINGS LTD***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar rikors imressaq mill-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono fejn dawn qegħdin jitolbu lil din il-qorti tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha fejn hija ddikjarathom kontumaċi u b'hekk tawtorizzahom jikkontestaw il-kawża fl-ismijiet premessi;

***Daħla / Fatti***

2. B'rikors maħluf imressaq fis-**<u>27 ta' Marzu, 2019</u>**, Kevin Mallia, kemm f'ismu u kif ukoll f'isem il-kumpannija Mallia & Mallia Developments Limited fisser li fis-27 ta' Lulju, 2015, huwa kien iffirma konvenju fejn il-konvenuti wegħduh li jbiegħulu sehem diviż ta' art li tinsab fiż-Żebbiegħ fil-limiti tal-Imġarr, Malta. Dan il-konvenju kellu jiskadi fit-28 ta' Frar,

2019. L-atturi jgħidu li fil-15 ta' Frar, 2019 huma ppreżentaw ittra uffiċjali, li permezz tagħha huma sejħu lill-konvenuti sabiex jersqu għall-att finali. Madankollu l-konvenuti baqgħu ma resqux biex jiffirmaw dan il-kuntratt;

3. Għalhekk, l-atturi kellhom jiftħu din il-kawża fejn talbu lil din il-qorti tordna lill-konvenuti sabiex dawn jersqu għall-imsemmi att finali ta' xiri-u-bejgħ u kif ukoll sabiex taħtar nutar pubbliku sabiex jirċievi dan l-att;

4. Saru żewġ tentattivi ta' notifika (ara paġni 11, 12, 15 u 16 tal-atti tal-kawża) iżda l-ebda wieħed mill-konvenuti ma ġie notifikat bir-rikors maħluf. Minħabba f'hekk fis-seduta tal-**<u>15 ta' Mejju, 2019</u>**, din il-qorti awtorizzat lill-atturi sabiex iwettqu n-notifika lill-konvenuti wara l-ħinijiet legali, u f'każ ta' eżitu negattiv jipproċedu billi jwettqu n-notifika permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

5. Minkejja li reġgħu saru żewġ tentattivi oħra ta' notifika tar-rikors maħluf lill-konvenuti, it-tentattivi ta' notifika lill-konvenuti kollha għajr Eucharist Bajada, sfaw negattivi. Mill-banda l-oħra Eucharist Bajada ġie notifikat bir-rikors maħluf u bl-avviż tas-smigħ fil-5 ta' Ġunju, 2019 (ara minn paġna 18 sa paġna 21 tal-atti tal-kawża);

6. Skont ir-riferti tal-marixxall Charles Buttiġieġ (ara paġna 23 tal-atti tal-kawża), fis-17 ta' Ġunju, 2019 saret l-affissjoni tar-rikors maħluf f'ħames postijiet differenti f'Ħal-Balzan;

7. Aktar tard, ir-rikors maħluf tal-atturi ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fis-26 ta' Ġunju, 2019 (ara paġna 27 tal-atti tal-kawża), fil-gazzetta "*Times of Malta"* fl-4 ta' Jannar, 2020 (ara paġna 33 tal-atti tal-kawża), u fil-gazzetta "*In-Nazzjon*" fis-6 ta' Jannar, 2020 (ara paġna 32 tal-atti tal-kawża);

8. Waqt is-seduta tas-**<u>6 ta' Frar, 2020</u>**, din il-qorti rriżultalha li wara li ġew notifikati bir-rikors maħluf, il-konvenuti baqgħu ma wieġbux għat-talbiet miġjuba kontra tagħhom u għalhekk hija ddikjarathom bħala kontumaċi;

9. Madankollu, fis-**<u>27 ta' Settembru, 2021</u>**, il-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono ressqu rikors fejn huma talbu lil din il-qorti tħassar id-digriet tagħha fejn iddikjarathom kontumaċi u b'hekk tawtorizzahom jikkontestaw il-kawża miġjuba kontrihom;

10. L-atturi Kevin Mallia u Mallia & Mallia Developments Limited wieġbu għal dan ir-rikors fid-**<u>19 ta' Novembru, 2021</u>**, u hemm huma taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex l-imsemmi rikors m'għandux jintlaqa';

11. Kemm il-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono min-naħa l-waħda, u kif ukoll l-atturi min-naħa l-oħra, ilkoll iddikjaraw li huma ma kellhomx provi xi jressqu dwar ir-rikors tal-konvenuti hawn fuq imsemmi tas-27 ta' Settembru, 2021 (ara d-dikjarazzjonijiet rispettivi magħmula mid-difensuri legali tal-partijiet waqt is-seduti tat-30 ta' Novembru, 2021 u tal-1 ta' April, 2022);

12. Għalhekk, wara li fl-1 ta' April, 2022 il-qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar din il-kwistjoni, issa hija tinsab f'qagħda li tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha dwar ir-rikors ta' Maria Bajada u Victoria Dimech Debono;

***Konsiderazzjonijiet***

13. L-għan wara r-rikors mressaq mill-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono huwa li huma jitneħħew mill-istat ta' kontumaċja li fil-preżent huma jinsabu fih biex b'hekk huma jkunu f'qagħda li jikkontestaw il-kawża li nġabet kontrihom;

14. Qabelxejn il-qorti tħoss li jkun siewi li tispjega li deċiżjoni bħal din, fejn fiha qiegħed jiġi mistħarreġ jekk il-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono għandhomx jitħallew fi stat ta' kontumaċja f'din il-kawża, għandha titqies li hija sentenza parzjali u mhux digriet interlokutorju. L-aħħar tendenza tal-ġurisprudenza hija fis-sens li deċiżjoni dwar it-tneħħija jew le tal-kontumaċja għandha titqies bħala sentenza u mhux bħala digriet (ara fost oħrajn ***Emanuel Micallef v. Clint Żammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell

fit-12 ta' Lulju, 2019, ***Trident Developments Limited v. Joseph Cordina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu, 2020, ***Michelangelo Attard v. Joseph Bajada et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021 u ***Raymond Vassallo v. L-Avukat tal-Istat*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru, 2021);

15. Tassew id-deċiżjoni li biha l-qorti ttenni li l-konvenut huwa kontumaċi jew id-deċiżjoni li biha tneħħi jew tiġġustifika l-kontumaċja ma tistax terġa' tiġi miflija minnha għal darba oħra, u għalhekk din għandha titqies bħala sentenza (ara ***Ronald Micallef et v. Subway (Malta) Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar, 2002);

16. Issa fil-każ tagħna, il-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono jsejsu r-rikors tagħhom fuq ħames punti:

    i. li r-riferta relattiva għan-notifika tar-rikors maħluf lil Maria Bajada f'paġna 23 tal-atti tal-kawża ma tindikax f'liema indirizz ġewwa Ħal-Balzan saret in-notifika bl-affissjoni;
    ii. li r-riferta relattiva għan-notifika tar-rikors maħluf lil Victoria Dimech Debono f'paġna 23 tal-atti tal-kawża ma tindikax f'liema indirizz ġewwa Ħal-Balzan saret in-notifika bl-affissjoni;
    iii. li fir-rigward ta' Victoria Dimech Debono l-proċedura tan-notifika tar-rikors maħluf permezz tal-affissjoni mhijiex waħda mitmuma skont il-liġi għaliex ma jirriżultax li saret l-affissjoni fil-Kunsill Lokali u fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Balzan;
    iv. li waħda mill-pubblikazzjonijiet fil-gazzetti lokali saret f'ġurnal li mhuwiex identifikat u li ma jġib l-ebda data; u
    v. li fil-perijodu li fih saru l-affissjonijiet u l-pubblikazzjonijiet iż-żewġ konvenuti kienu jinsabu għal żmien twil ġewwa Londra, fl-Ingilterra. Isostnu li meta ġew lura Malta huma ma sabu xejn imwaħħal mal-bibien tar-residenzi rispettivi tagħhom f'Ħal-Balzan;

17. Ir-raba' ilment hawn fuq imsemmi ġie rtirat mill-avukat tal-konvenuti, Keith Borġ, waqt is-seduta tal-1 ta' April, 2022 u għalhekk il-konvenuti mhumiex qegħdin jisħqu aktar li hemm xi nuqqas fil-pubblikazzjoni li saret fil-gazzetti lokali. B'konsegwenza t'hekk, il-qorti mhijiex sejra tieħu aktar qies ta' din il-kawżali;

18. Mill-kontenut tar-rikors inkwistjoni l-qorti qiegħda tifhem li l-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono qegħdin jitolbu li jitneħħew mill-istat ta' kontumaċja tagħhom kemm: (i) għaliex in-notifika li saritilhom mhijiex waħda valida; u kif ukoll (ii) għaliex anke li kieku stess in-notifika kienet waħda valida, meta twettqet huma kienu jinsabu barra minn Malta, u għalhekk huma kellhom raġuni tajba għalfejn ma daħħlux it-tweġiba maħlufa tagħhom fiż-żmien li tipprovdi l-liġi;

19. Il-qorti tqis li n-nullità tan-notifika inkwistjoni u l-istat ta' kontumaċja tal-konvenuti huma kwistjonijiet għalkollox differenti. Jekk il-qorti ssib li n-notifika li saret lill-konvenuti mhijiex valida, il-qorti tista' tieqaf hemm u tagħti żmien lill-konvenuti biex iwieġbu għall-kawża miġjuba kontrihom. Tassew, f'dik l-eventwalità, ma jibqax iżjed il-ħtieġa li l-qorti tqis ir-raġuni mressqa mill-konvenuti biex titneħħa l-kontumaċja tagħhom;

20. Wara kollox, notifika li mhijiex valida, jew nuqqas ta' notifika skont il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li qatt ma tkun ġiet notifikata. Persuna bħal din tista' taqa' kontumaċi biss wara li hija tiġi notifikata validament bir-rikors maħluf. Għalhekk, huwa biss fil-każ li jirriżulta li n-notifika hija waħda valida li l-qorti sejra tgħaddi biex tgħarbel jekk il-kontumaċja li seħħet hijiex waħda ġustifikabbli jekk inkella waħda ta' ħtija min-naħa tal-konvenuti (ara f'dan is-sens ***Paul Grixti v. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi***, Appell Superjuri, 12 ta' Diċembru, 1975; ***Emanuel Stellini v. Carlo Vella et***, Appell Ċivili, 22 ta' Novembru, 1989; ***Jesmond Sacco et v. Concetta Charles et***, Appell Inferjuri, 7 ta' Mejju, 2004; u ***HSBC Bank Malta p.l.c. v. Standard Chartered Bank Limited***, Appell Superjuri, 12 ta' Lulju, 2019);

21. Iżda qabel mal-qorti tgħaddi biex tqis il-kawżali li fuqhom huwa msejjes ir-rikors tal-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono, din il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ l-

**<u>eċċezzjoni preliminari ta' Kevin Mallia u Mallia & Mallia Developments Limited</u>** fejn huma jisħqu li t-talba kif magħmula f'isem Victoria Dimech Debono hija nulla għaliex ir-rikors inkwistjoni ġie ppreżentat fir-reġistru tal-qorti meta l-istess konvenuta kienet imsiefra. Huma jżidu jgħidu li biex Victoria Dimech Debono setgħet tippreżenta rikors meta kienet barra minn xtutna, hija kellha tibgħat prokura lil xi ħadd li jinsab hawn Malta sabiex imbagħad dan jagħmel it-talba f'isimha;

22. Dwar dan, din il-qorti ttenni li hekk kif ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi li teħtieġ li attur irid ikun preżenti f'Malta jew saħansitra fir-reġistru tal-qorti meta tiġi ppreżentata kawża (ara ***Karina Borġ Olivier pro et nomine et v. Karim Cordina et***, Qorti tal-Appell, 1 ta' Diċembru, 2021), lanqas hemm xi dispożizzjoni fil-liġi li teħtieġ li xi parti f'kawża tkun preżenti fil-gżejjer Maltin meta jiġi ppreżentat att ġudizzjarju fl-atti ta' kawża;

23. Dak li titlob il-liġi huwa li l-iskritturi jiġu ppreżentati mill-persuni indikati fl-**artikolu 180(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, fosthom il-prokuraturi legali. Fil-każ tagħna, ir-rikors tal-konvenuti ġie ppreżentat mill-prokuratur legali Gerald Bonello b'ħarsien tal-**artikolu 180(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

24. Jirriżulta b'hekk, li m'hemm xejn irritwali jew null fir-rikors tal-konvenuti u għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari ta' Kevin Mallia u Mallia & Mallia Developments Limited qiegħda tiġi miċħuda;

25. Il-qorti tista' għalhekk tgħaddi biex tqis l-**<u>ewwel żewġ kawżali</u>** tar-rikors li ressqu l-konvenuti. Huma jgħidu li r-riferti li jinsabu f'paġna 23 tal-atti tal-kawża ma jindikawx f'liema indirizzi f'Ħal-Balzan saret in-notifika lilhom tar-rikors maħluf permezz tal-affissjoni;

26. Il-qorti tqis li paġna 23 tal-atti tal-kawża, li tiġi preċiżament dahar ma' dahar mal-paġna ta' quddiem tal-fuljett li fuqu nktibu l-indirizzi kollha li fihom kellha ssir l-affissjoni tar-rikors maħluf (paġna 22 tal-atti), tikkonsisti f'ħames riferti li huma ttimbrati, miktuba u

ffirmati mill-marixxal Charles Buttiġieġ. Dawn il-ħames riferti jixhdu li fis-17 ta' Ġunju, 2019, ir-rikors maħluf ġie notifikat permezz tal-affissjoni lill-persuni li ġejjin f'indirizzi hawn indikati:

i. lil Maria Bajada fl-indirizz mogħti f'Ħal-Balzan;
ii. lil Victoria Dimech Debono fl-indirizz mogħti f'Ħal-Balzan;
iii. lil Patience Developments Limited fl-indirizz mogħti f'Ħal-Balzan;
iv. lil Maria Bajada *et* fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Balzan; u
v. lil Maria Bajada *et* fil-Kunsill Lokali ta' Ħal-Balzan;

27. Il-konvenuti jissottomettu li r-riferta "Balzan" għat-twaħħil tal-kopja tar-rikors maħluf mal-bieb tar-residenza rispettiva tagħhom (ara t-timbri ta' fuq nett f'paġna 23 tal-atti tal-kawża) hija ħażina, għaliex din ma tindikax fejn saret l-affissjoni;

28. Madankollu, dan l-argument mhuwiex wieħed tajjeb. L-**artikolu 188 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li r-riferti għandhom jindikaw l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha kellu jiġi notifikat l-att, u l-post fejn l-att ġie notifikat. Il-liġi ma teħtieġx li fir-riferta jiġi indikat l-indirizz sħiħ. Dak li huwa importanti għall-fini tal-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, hu li kopja titwaħħal mal-bieb ta' dik ir-residenza (ara ***Frances Bergedahl nomine v. Francis Formosa***, Appell Superjuri, 5 ta' Mejju, 2011);

29. Wara kollox, fil-paġna ta' quddiem tal-fuljett li jinkludi r-riferti hawn fuq imsemmija (ara paġna 22 tal-atti), l-indirizz ta' residenza, kemm dak ta' Maria Bajada u kif ukoll dak ta' Victoria Dimech Debono, huwa mniżżel fl-intier tiegħu. Ir-riferti li minnhom qegħdin jilmentaw il-konvenuti jindikaw bl-aktar mod ċar li l-affissjoni tar-rikors maħluf saret fl-indirizzi mogħtija fuq quddiem nett tal-fuljett. Dan ifisser li fir-rigward ta' Maria Bajada l-affissjoni saret fl-indirizz 47, Casa Maria, Triq Sir M. Refalo, Ħal-Balzan, filwaqt li fir-rigward ta' Victoria Dimech Debono l-affissjoni saret fl-indirizz 51, Madonnina, Triq M. Refalo, Ħal-Balzan;

30. Għalhekk jgħidu ħażin il-konvenuti meta jippruvaw jargumentaw li r-riferti rispettivi fir-rigward tagħhom ma jindikawx l-indirizz ġewwa Ħal-Balzan li fihom saret l-affissjoni. Għaldaqstant, l-ewwel żewġ kawżali tar-rikors tal-konvenuti qegħdin jiġu mwarrba;

31. Hekk ukoll, mhumiex siewja l-konvenuti fit-**<u>tielet kawżali</u>** tar-rikors tagħhom, fejn huma jisħqu li fir-rigward ta' Victoria Dimech Debono l-proċedura tan-notifika permezz tal-affissjoni mhijiex waħda mitmuma skont il-liġi. Għalkemm huma jsostnu li l-affissjoni tar-rikors maħluf li saret fil-Kunsill Lokali u fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Balzan twettqet biss fir-rigward tal-konvenuta Maria Bajada, ħarsa lejn ir-riferti misjuba f'paġna 23 tal-atti tal-kawża turik li l-affissjoni f'dawn iż-żewġ imkejjen saret fir-rigward ta' «*Maria Bajada <u>et</u>*»;

32. Il-kelma Latina «*et*» tfisser li l-affissjoni fil-Kunsill Lokali u fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Balzan ġiet imwettqa kemm fir-rigward ta' Maria Bajada, u kif ukoll fir-rigward ta' Victoria Dimech Debono u ta' Patience Developments Limited. Għalkemm, f'dawn iż-żewġ postijiet jidher li saret biss affissjoni waħda tar-rikors maħluf, dan ma jfissirx li dik l-affissjoni ma tistax isservi għall-iskop ta' notifika taż-żewġ konvenuti li ressqu l-ilment tagħhom;

33. Ladarba t-tliet konvenuti, li fir-rigward tagħhom kien jeħtieġ li ssir l-affissjoni fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali (ara l-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**), ilkoll kemm huma għandhom l-indirizz tagħhom ġewwa Ħal-Balzan, ma kien jagħmel l-ebda sens prattiku li jitwaħħlu tliet kopji identiċi tar-rikors maħluf ġewwa l-istess post. Il-ħtieġa li jitwaħħlu kopji tar-rikors maħluf għal kull konvenut fil-Kunsill Lokali u fl-Għassa tal-Pulizija kienet tinħoloq biss li kieku l-konvenuti msemmija kellhom l-indirizz tagħhom f'irħula jew fi bliet differenti madwar il-gżejjer Maltin;

34. Wara kollox, l-artikolu hawn fuq imsemmi fl-ebda waqt ma jsemmi l-ħtieġa li ssir affissjoni għal kull konvenut fil-Kunsill Lokali u fl-Għassa tal-Pulizija meta dawn ikollhom l-indirizz tagħhom fl-istess belt jew raħal. Il-liġi teħtieġ biss li għall-iskop ta'

notifika ssir l-affissjoni tal-att ġudizzjarju fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, hekk kif fil-fatt sar bir-rikors maħluf fil-każ tagħna;

35. Għadaqstant, it-tielet kawżali li fuqha l-konvenuti qegħdin isejsu r-rikors tagħom qiegħda tiġi miċħuda wkoll, u dan peress li l-proċedura tan-notifika tar-rikors maħluf permezz tal-affissjoni fir-rigward ta' Victoria Dimech Debono ġiet imwettqa skont dak li titlob il-liġi;

36. Mill-aspett tal-validità tan-notifika tar-rikors maħluf lill-konvenuti jifdal biss li tiġi mistħarrġa l-**<u>ħames kawżali</u>** tar-rikors tagħhom fejn huma jgħidu li ma sabu xejn imwaħħal mal-bibien tar-residenzi rispettivi tagħhom;

37. Madankollu, din id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, li ġiet imwettqa wkoll bil-ġurament minn Maria Bajada, mhijiex biżżejjed biex titfa' xi dell ta' dubju fuq il-prova legali tan-notifika tar-rikors maħluf lill-konvenuti. Din il-qorti sejra tissellef silta mis-sentenza fl-ismijiet ***Frances Bergedahl nomine v. Francis Formosa***, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju, 2011, fejn ilment bħal dan ġie indirizzat bl-aktar manjiera elokwenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat li:

> *«L-Artikolu 187(3) irid biss il-pubblikazzjoni f'ġurnal u fil-Gazzetta tal-Gvern, u li "titwaħħal" kopja mal-bieb; la trid li dak li jkun ikun qara l-ġurnal, u lanqas li jinduna bl-att mal-bieb tiegħu. Il-liġi timponi kriterji oġġettivi u darba jirriżulta li dak li trid il-liġi twettaq, il-konvenut f'kawża għandu jitqies notifikat għal kull fini u effetti tal-liġi. Ma jkunx loġiku li l-konvenut jitħalla jeħles min-notifika billi jgħid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tiegħu; kieku dan jiġi aċċettat, jiġi stultifikat l-iskop tal-liġi. Il-liġi trid tagħti l-pubbliċità l-aktar ampja possibbli għall-avviż ta' kawża, però, fl-aħħar mill-aħħar, trid timponi test oġġettiv għax altrimenti dak li jkun ikun jista' dejjem isib mezz kif jaħrab min-notifiki. Kieku l-liġi riedet prova li l-att imwaħħal mal-bieb jinqara mill-persuna li ġie notifikat, mhux biss dan kienet tgħidu, iżda wkoll ma kenitx tinsisti fuq pubblikazzjoni tal-att, għax la darba l-att jinġabar, in-notifika tkun saret! Id-diversi mezzi ta' pubbliċità li tipprovdi l-liġi ġew magħmula biex jindikaw, iuris et de iure, notifika personali u darba dak li trid il-liġi ġie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax taħrab mill-effetti tal-istess.*
>
> *...(omissis)...*

*Kif già ingħad, jekk nesiġu li dak li jkun ikun effettivament induna bl-affissjoni, allura ma jkunx hemm lok la għall-pubblikazzjoni u lanqas għall-affissjoni mal-Għassa u l-Kunsill Lokali, għax dawn ikunu inutili – għax il-Qorti trid tkun ċerta li l-konvenut qara l-kopja imwaħħla mal-bieb tiegħu. Il-liġi, però, ma titlobx dan: hi tipprovdi għall-pubbliċità l-aktar wiesgħa possibbli, iżda ma tesiġix li dak li jkun induna bl-att ippubbliċizzat. Jekk se nesiġu qari tal-att, allura n-notifika tkun trid issir dejjem bil-purtier u personali, u ma jkun hemm qatt skop ta' notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni. Dan jikkonferma l-oġġettività tal-proċedura.*

*Wieħed irid ifakkar ukoll li l-ġurament tal-konvenut, f'dan il-każ, mhux kontrollabbli u hu differenti minn ġurament dwar meritu li huwa kontrollabbli mill-parti l-oħra li jista' jressaq provi kuntrarji. F'dan il-każ jekk il-konvenut jgħid li ma sabx l-att mal-bieb, m'hemmx x'tagħmel, la mill-parti oħra u lanqas mill-Qorti, għax ma tistax tikkontradixxi dik l-istqarrija. Huwa minħabba l-impossibbilità ta' kontradizzjoni li l-liġi timponi test oġġettiv: jekk ġew esegwiti l-proċeduri li trid il-liġi, allura n-notifika saret.»*

38. Fid-dawl ta' din il-pożizzjoni ċara, il-qorti tqis li huwa ta' xejn li l-konvenuta Maria Bajada ħalfet li hija ma sabet xejn imwaħħal mal-bieb tar-residenza tagħha. Biex tasal għad-deċiżjoni dwar jekk in-notifika tar-rikors maħluf permezz tal-affissjoni hijiex waħda valida jew le, il-qorti jeħtiġilha taddotta t-test oġġettiv billi tistħarreġ jekk il-proċedura li trid il-liġi ġietx imwettqa. Barra minn hekk, wieħed ma jridx jinsa li riferta ta' marixxall huwa dokument uffiċjali li jgawdi mill-preżunzjoni *omnia rite et recte facta esse*. Sa minn żminijiet antiki kien miżmum li, «*è doversi aggiustar fede agli ufficiali in ciò che si attiene alla esplicazione del proprio ufficio*» - ***Alessandro Delhin v. Antonio Darmanin et***, deċiża fid-9 ta' Novembru 1927 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ***Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. Ermelinda Silos Mendoza et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 2009 fejn ukoll kien qiegħed jiġi allegat li l-att ġudizzjarju ma twaħħalx mal-bieb tad-dar;

39. Aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-qorti diġà sabet li hekk kif sostnut mir-riferti misjuba f'paġna 23 tal-atti tal-kawża, l-affissjoni tar-rikors maħluf saret kemm mar-residenza ta' Maria Bajada, u kif ukoll ma' dik ta' Victoria Dimech Debono. Il-konvenuti ma ħarrkux lill-marixxal biex isaqsuh jew imeruh dwar dik in-notifika. Tassew kien jaqa' fuqhom li

jressqu provi tajbin biex jikkontrastaw u jwaqqgħu l-preżunjoni tas-siwi tar-riferta maħruġa mill-marixxal tal-qorti (ara ***Edward Cassar v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar, 2016 u ***Joseph Cassar Aveta v. Citadel Insurance plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2007). Minn dan però l-konvenuti m'għamlu xejn u fin-nuqqas ta' provi, il-qorti ma jidhrilhiex għalfejn m'għandhiex temmen u toqgħod ma' dak li ttimbra l-uffiċjal tal-qorti fir-riferta maħruġa minnu. Għalhekk, ladarba l-kelma tal-liġi ġiet imwettqa, din il-qorti m'għandha l-ebda triq għajr li tiċħad l-ilment tal-konvenuti hekk kif marbut ma' din il-kawżali;

40. Darba li din il-qorti waslet għall-konklużjoni li n-notifika tar-rikors maħluf lil Maria Bajada u Victoria Dimech Debono hija waħda valida, din il-qorti issa trid tara jekk dawn kellhomx raġuni tajba għaliex ma daħħlux it-tweġiba maħlufa tagħhom fiż-żmien li trid il-liġi;

41. Il-qagħda ta' persuna li taqa' kontumaċi hija waħda fejn dik il-parti tkun naqset milli tressaq il-kontestazzjoni tagħha għal kawża li tkun saret kontra tagħha fiż-żmien li huwa stabbilit mil-liġi. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li t-tneħħija tal-kontumaċja hija eċċezzjoni għar-regola li kawża għandha tiġi kkontestata fiż-żmien li trid il-liġi, u għalhekk din m'għandha qatt tirbaħ fuq din ir-regola (ara ***Noel Calleja et v. Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd***, Appell Superjuri, 28 ta' Jannar, 2005 u ***Market Handle Limited v. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2012);

42. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq is-suppożizzjoni li bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għat-talbiet attriċi, il-konvenut ikun wera insult u sfida lejn is-sejħa tal-qorti biex jidher quddiemha. Il-liġi tħares lejn din l-isfida bħala għemil li jistħoqqlu kastig, jiġifieri dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi (ara ***Joseph Vella pro et noe v. John Vella***, Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju, 1993 u ***Concorde Developments Limited v. B. Grima and Sons Limited***, Appell Superjuri, 27 ta' Jannar, 2017);

43. Għalhekk, maż-żmien il-ġurisprudenza tagħna żviluppat numru ta' prinċipji sabiex tingħata konsistenza fid-deċiżjonijiet dwar meta l-kontumaċja għandha tiġi meqjusa bħala ġustifikata. Il-prinċipji msemmija huma dawn li ġejjin (ara ***Daniel Caruana et v. Crystal Finance Investments Ltd***, Appell Inferjuri, 5 ta' Novembru, 2018 u ***Evelyn Farruġia et v. GlobalCapital Financial Management Unit Limited***, Appell Superjuri, 17 ta' Frar, 2022):

> *«(a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni tajba għas-sodisfazzjon tal-qorti; (d) liema raġuni tajba trid tissarraf fi tfixkil leġittimu; (e) li tali tfixkil irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala tfixkil leġittimu, irid ikun żball li ma jistax jiġi mirbuħ, b'mod li (ġ) t-tfixkil leġittimu li jżomm lil parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilità li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali»;*

44. Issa fil-każ tagħna, il-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono jisħqu li huma għandhom raġuni tajba għaliex ma daħħlux tweġiba għat-talbiet imressqa kontrihom. Huma jgħidu li fiż-żmien li kienet qiegħda titwettaq il-proċedura tan-notifika permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni huma kien jinsabu msefrin ġewwa Londra, fl-Ingilterra. Skonthom, Maria Bajada ġiet lura Malta fis-26 ta' Ġunju, 2019 filwaqt li kien biss f'Awwissu 2019 li Victoria Dimech Debono ġiet lura Malta;

45. Biex isostnu din it-teżi tagħhom, mar-rikors tagħhom il-konvenuti ppreżentaw biljett tal-ajru li juri li Maria Bajada, Alexandra Marie Dimech Debono u Eucharist Bajada kellhom itiru minn Londra għal Malta fis-26 ta' Ġunju, 2019. Din kienet fil-fatt l-unika prova li ressqu l-konvenuti Maria Bajada u Victoria Dimech Debono sabiex isaħħu l-kontenut tar-rikors tagħhom;

46. Issa huwa mgħallem fil-ġurisprudenza li l-qorti għandha teħtieġ li tinġabilha l-aħjar prova biex hija tkun tista' tikkonferma l-allegazzjoni li konvenut kien nieqes minn Malta meta saret in-notifika tar-rikors maħluf (ara ***Charles sive Carmelo Ellul Sullivan v. Anthony Spiteri***, Appell Superjuri, 27 ta' April, 2001);

47. F’dan ir-rigward, din il-qorti tqis li biljett tal-ajru wieħed, li sempliċement juri li waħda mill-konvenuti (il-konvenuta Maria Bajada) li ressqu dan ir-rikors kienet fuq titjira minn Londra għal Malta fid-data tas-26 ta’ Ġunju, 2019, mhijiex prova tajba biżżejjed biex tikkonvinċi lill-qorti li l-konvenuti ma kinux jinsabu hawn Malta fiż-żmien li kienet qiegħda titwettaq il-proċedura tan-notifika tar-rikors maħluf permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

48. Il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova dwar liema kien il-perijodu li fih huma kienu barra minn Malta. Dawn setgħu faċilment jagħmluh billi jippreżentaw kopja tal-biljetti tal-ajru li bihom huma ħarġu minn u eventwalment ġew lura lejn Malta. Lanqas ressqu xi prova konvinċenti li turi li huma kienu residenti barra minn Malta bejn Marzu tas-sena 2019 u Jannar tas-sena 2020 (ara f’dan is-sens ***Daniel Farruġia pro et noe v. BNF Bank plc***, Qorti tal-Appell, 4 ta’ Mejju, 2022). Għalhekk, il-qorti baqgħet bla ebda ħjiel dwar jekk il-konvenuti kinux jinsabu barra minn xtutna meta kienet qiegħda titwettaq il-proċedura tan-notifika tar-rikors maħluf. Jiġi b’hekk, li baqgħet ma saritx l-aħjar prova li hija fil-fatt meħtieġa biex il-konvenuti jikkonfermaw li huma ma kinux hawn Malta meta saritilhom in-notifika tar-rikors maħluf. Għalhekk din il-qorti ma jirriżultalhiex li l-konvenuti ltaqgħu ma’ xi tfixkil li żammhom milli jippreżentaw it-tweġiba tagħhom għar-rikors maħluf;

49. Għaldaqstant, ladarba Maria Bajada u Victoria Dimech Debono ma seħħilhomx juru li l-istat ta’ kontumaċja tagħhom huwa wieħed ġustifikat din il-qorti m’għandha l-ebda għażla għajr li tiċħad it-talbiet tagħhom kif magħmula fir-rikors tas-27 ta’ Settembru, 2021;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi r-rikors kif imressaq minn Maria Bajada u Victoria Dimech Debono fis-27 ta’ Settembru, 2021 billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjoni preliminari ta' Kevin Mallia u Mallia & Mallia Developments Limited dwar in-nullità tar-rikors mistħarreġ f'din il-kawża peress li nstab li din mhijiex tajba; u

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet kollha ta' Maria Bajada u Victoria Dimech Debono u b'konsegwenza t'hekk tikkonferma l-istat ta' kontumaċja tagħhom f'din il-kawża;

Fl-aħħar nett, peress li t-talbiet ta' Maria Bajada u Victoria Dimech Debono qegħdin jiġu miċħuda, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** li dawn għandhom ibatu l-ispejjeż kollha marbuta ma' din is-sentenza.

_________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

_________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**